**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 14 ta' Dicembru, 2016**

**Rikors nru: 103/2015 MLF**

**Wara l-atti tal-Ittra Ufficjali Ezekuttiva numru: 3170/06 fl-ismijiet:**

**Malta Industrial Parks Limited**

**Vs**

**Streamline Woodworks Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Malta Industrial Parks Limited – kif korrett b'digriet ta' din il-Qorti tat-30 ta' Novembru 2016 - fejn esponiet:

Illi permezz tal-ittra ufficjali fl-ismijiet fuq premessi liema ittra ufficjali saret ai termini tal-Art. 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponenti ottjeniet titlu ezekuttiv ghas-somma ta' elf, disa' mija u tnejn u sittin Lira Maltija u tlieta u hamsin centezmu (Lm1,962.53) ekwivalenti ghal erbat elef hames mija u wiehed u sebghin Euro u sebgha u erbghin centezmu (€4,571.47) fil-konfront tas-socjeta' intimata, u dan stante li tali ittra giet reza esekuttiva nhar it-30 ta' Gunju 2006. Kopja ta' din l-ittra ufficjali tinsab annessa u mmarkata "Dok A";

Illi mid-data ta' meta tali ittra ufficjali giet reza ezekuttiva sal-lum iddekorra imghax, liema imghax jammonta ghal tlitt elef mija u hamsa u disghin Euro u tlettax-il centezmu (€3,195.13);

Illi inoltre, skond taxxa ufficcjali ta' drittijiet u spejjez rilaxxjata mir-registratur u li tifforma parti mill-atti annessi u mmarkati "Dok A", l-ispejjez inkorsi mill-esponenti jammontaw ghal hamsa u sittin Lira Maltija u sitta u sittin centemzu (Lm65.66) oltre ghall-VAT li jammonta ghal disa' Euro (recte Liri Maltin) u tmienja u erbghin centezmu (Lm9.48) li flimkien jghamlu hamsa u sebghin lira Maltija u erbatax-il centezmu (Lm75.14) ekwivalenti ghal mija u hamsa u sebghin Euro (€175);

Illi minn dan kollu, is-socjeta' intimata baqghet ma hallset xejn u kwindi l-ammont dovut lill-esponenti sal-lum jammonta ghal sebat elef disa' mija u wiehed u erbghin Euro u sittin centezmu (€7,941.60);

Illi skond id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 258(c) tal-kapitolu 12, l-esekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv bhal dak li ottjena l-esponenti, wara l-gheluq ta' tliet snin minn dak in-nhar li fih skont il-ligi seta' gie esegwit tista' ssir biss wara talba maghmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti;

Illi s-socjeta' esponenti ghandha interess li tkompli bl-ezekuzzjoni tal-imsemmi titolu ezekuttiv;

Illi l-Avukat Dottor Katrina Borg Cardona (KI 538673M) ghan-nom tas-socjeta' esponenti, debitament awtorizzata, qieghda tikkonferma l-kontenut tal-odjern rikors bil-gurament;

Ghaldaqstant in vista tas-suespost, l-esponenti jitlob bir-rispett illi fit-termini tal-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12, din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizza l-esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv li l-esponenti ottjena fil-konfront ta' l-intimati (recte socjeta intimata) in virtu tal-ittra ufficjali fl-ismijiet fuq premessi numru 3170/2006, u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez.

Rat illi s-socjeta’ intimata Streamline Woodworks Limited, ghalkemmm debitament notifikata ma deheritx fis-seduta tal-1 ta’ Lulju 2015 u lanqas pprezentat risposta.

Fl-istess seduta tal-1 ta’ Lulju, 2015 deher Louis Attard il-Financial Controller tas-socjeta’ rikorrenti fejn ra r-rikors promotur tas-socjeta’ rikorrenti u kkonfermah bil-gurament tieghu u nforma lill-Qorti li minn dak inhar li gie pprezentat ir-rikors sa dak in-nhar is-socjeta’ intimata ma kienet ghamlet l-ebda pagament.

Fis-seduta tat-30 ta’ Novembru 2016, Louis Attard, il-Financial Controller tas-socjeta rikorrenti xehed bil-gurament li mill-ahhar darba li xehed u cioe, fis-seduta tal-1 ta’ Lulju 2015, is-socjeta ntimata ma kienet ghamlet l-ebda pagament.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi x-xhieda ta’ l-Avukat Dottor Katrina Borg Cardona li kkonfermat il-kontenut tar-rikors promotur u x-xhieda ta’ Louis Attard, il-Financial Controller tas-socjeta rikorrenti ma giet bl-ebda mod kontradetta mis-socjeta intimata, u ma hemm l-ebda raguni valida ghalfejn din il-Qorti m’ghandhiex temmen din ix-xhieda.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa’ t-talba tas-socjeta rikorrenti u ai termini tal-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta tawtorizza l-esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv li s-socjeta rikorrenti ottjeniet fil-konfront tas-socjeta intimata in forza tal-ittra ufficjali fl-ismijiet fuq premessi numru 3170/12, mahruga ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, u reza ezekuttiva fit-30 ta’ Gunju 2006.

L-ispejjez ta’ din il-procedura ghandhom jigu subiti mis-socjeta intimata.

**Dott. Alan Zerafa LL.D.**

**Magistrat** **Deputat Registratur**